**Il-*Gozo Action Group Foundation* qiegħda toħroġ it-Tlieta sejħa għall-Miżura 4 – GAG 4 - '*Rejuvinating Gozo*' – taħt il-programm LEADER 2014-2020**

Il-Fondazzjoni Gozo Action Group Foundation (GAGF) tħabbar li se toħroġ it-tielet sejħa għall-proposti, għall-miżura 4 taħt il-programm LEADER 2014 - 2020. Din l-Azzjoni tifforma parti mill-istrateġija għall-iżvilupp Lokali ta'Għawdex u Kemmuna.

L-Azzjoni ser ttejjeb il-faċilitajiet u s-servizzi f'Għawdex sabiex ittejjeb il-kwalità tal-ħajja taż-żgħażagħ u il-familji żgħażagħ, u b'hekk tikkontribwixxi biex iżżomm il-ħiliet u għar-riġenerazzjoni demografika u kulturali fil-gżira t'Għawdex. Għal din is-sejħa, ġew allokati **€60,591.42** ta' fondi pubbliċi.

Il-Benefiċjarji eliġibbli għal fondi taħt din il- miżura għandhom ikunu sħubija bejn Kunsilli Lokali, Għaqdiet mhux Governattivi u Operaturi fil-Kummerċ. Kull applikazzjoni għandu tkun magħmul minn mill-inqas tliet (3) entitajiet, li jkopru mill-inqas tnejn mill-kategoriji msemmija.

Se tiġi organizzata laqgħa ta' informazzjoni f'forma virtwali fuq din il-miżura nhar il-Ġimgħa, **21 ta' Lulju, 2023** fil-10:30am. Dawk kollha li huma interessati fuq din il-miżura huma mħeġġa jibgħatu email fuq info@leadergozo.eu biex jiġu mistiedna għal din il-laqgħa.

Din is-sejħa tiftaħ it-Tnejn **24 ta' Lulju 2023**. L-aħħar ġurnata għal-kjarifika hija l-Ħamis **24 t' Awissu 2023**. L-applikazzjonijiet għandhom waslu għand il-GAGF sa mhux aktar tard mil-Ħamis, **31 t' Awissu 2023** f'nofsinhar fuq l-email info@leadergoz.eu.

Iktar informazzjoni tista' tinkiseb billi jċempel fuq 2155 0322 jew b'email info@leadergozo.eu. Applikazzjoni u linji ta' gwida jistgħu jitniżżlu minn: www.leadergozo.eu.

***Applikazzjonijiet li jiġu sottomessi tard ma jiġux aċċettati.***

Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
L-Ewropa tinvesti fiż-żoni Rurali